MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 478/2007

**Talba Nru: 478/07VGD**

BE Communications Limited (C29152)

Vs

i. Sandro Azzopardi Id. 555264(M) ezercenti l-kummerc taht l-isem Sandro Azzopardi Gioielleria; u ii. L-Orafo Limited.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' sitt mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm649.00) rapprezentanti prezz ta' xoghol maghmul mis-socjeta'

attrici skond fattura Dok. A.  Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju 1461/07 u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' ammissjoni pprezentata mill-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija u hdax il-Ewro u sitta u sebghin centezmu (€1511.76), (ekwivalenti ghas-somma ta' sitt mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm649), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz).  L-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------